

32004E0031

L 6/55

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.1.2004

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2004/31/CFSP**tad-9 ta' Jannar 2004****dwar l-imposizzjoni ta' embargo fuq l-armi, il-munizzjoni u t-tagħmir militari fuq is-Sudan**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 94/165/CFSP ⁽¹⁾ ta' l-15 ta' Marzu 1994, il-Kunsill impona embargo fuq l-armi, il-munizzjoni t-tagħmir militari, inkluż it-trasferiment ta' teknoloġija militari, fuq is-Sudan
- (2) Minħabba l-gwerra ċivili li għaddeja fil-pajjiż, il-Kunsill iqisha xierqa li jżomm embargo fuq l-armi ta' l-UE kontra s-Sudan. L-għan politiku ta' l-Unjoni Ewropea huwa li tipromwovi paċi fit-tul u rikonċiljazzjoni ġewwa s-Sudan.
- (3) L-embargo għandu jippermetti eżenzjonijiet umanitarji għall-embargo kurrenti ta' l-armi u jippermetti li jsiru operazzjonijiet ta' tneħħija ta' mini fis-Sudan.
- (4) L-embargo ta' l-armi għandu wkoll ikun imsaħħa biex ikopri konsulenza u assistenza teknika relatata, u assistenza finanzjarja għall-provvisti ta' l-armi u assistenza teknika relatata, iżda għandha tippermetti wkoll ċerti eżenzjonijiet umanitarji għat-tali assistenza, inkluż dwar tagħmir u materjal għal operazzjonijiet ta' tneħħija ta' mini, li jkunu awtorizzati mill-Istati Membri.
- (5) Huwa l-każ li dawn il-miżuri jkunu kkonsolidati f'instrument wieħed u titħassar id-Deċiżjoni 94/165/CFSP.
- (6) Azzjoni mill-Komunità hija meħtieġa biex ikunu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN IL-POSIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. Il-bejgħ, il-fornitura, it- inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' sostituzzjoni għal daww imsemij qabel għas-Sudan minn ċittadini ta' l-Istati Membri jew minn territorji ta' Stati Membri, jew trasferiment jew

l-esportazzjoni ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, l-użu tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u l-inġenji ta' l-ajru, għandhom ikunu pprojbiti jekk joriġinaw mit-territorji tagħhom jew le.

2. Ikun ipprojbit ukoll li:

- (a) tagħti, tbiġħ, tipprovdi jew titrasferi assistenza teknika, servizzi ta' sensarija u servizzi oħra dwar attivitajiet militari u għall-fornitura, manifattura, manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari, u l-partijiet ta' sostituzzjoni għal daww imsemija qabel, direttament jew indirettament lil kull peruna, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, s-Sudan;
- (b) tipprovdi finanza jew assistenza finanzjarja dwar attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari għotjiet, self u assigurazzjoni ta' kreditu fuq esporti, għal kull bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni ta' armi u materjal relatat, jew għal kull għotja, bejgħ, forniture, jew trasferiment ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' sensarija u servizzi oħra, direttament jew indirettament lejn kull persuna, entità jew korp fi, jew għall-użu fi, is-Sudan.

Artikolu 2

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

- (a) il-bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew ta' protezzjoni, jew għall-programmi ta' bini ta' istituzzjonijiet tan-NU, l-UE u l-Komunità, jew tal-materjal maħsub għall-operazzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' kriżi ta' l-UE u tan-NU;
- (b) il-bejgħ, forniture, trasferiment jew esportazzjoni ta' tagħmir għat-tneħħija ta' mini u materjal għall-użu f'operazzjonijiet tat-tneħħija ta' mini;
- (c) il-forniture ta' finanza u assistenza finanzjarja dwar it-tali tagħmir;
- (d) il-forniture ta' assistenza teknika dwar it-tali tagħmir,

bil-kondizzjoni li t-tali esporti jkunu approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' l-Istati Membri in kwistjoni.

(1) ĠU L 75, tas-17.3.1994, p. 1.

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket rinforzati bil-metall u elmi militari, temporanjament esportati lejn is-Sudan mill-persunal tan-Nazzjonijiet Uniti, persunal ta' l-UE, il-Komunità jew l-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-medjau ħaddiema umanitarji u ta' l-iżvilupp u l-persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.

3. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kunsinni taħt dan l-Artikolu fuq bażi ta' każ b'każ, wara li jikkunsidraw bis-sħiħ il-kriterji ppreżentati fil-kodiċi tal-kondotta ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-esporti ta' l-armi adottati fit-8 ta' Ġunju 1998. L-Istati Membri għandhom jeħtieġ salvagwardji kontra l-użu ħażin ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija taħt dn l-Artikolu u, fejn ikun il-każ, jagħmlu dispożizzjonijiet għal ripatrijazzjoni tat-tagħmir.

Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta' din il-Pożizzjoni Komuni, il-frażi "assistenza teknika" għandha tfisser kull appoġġ tekniku dwar it-tiswija, żvilupp, manifattura, armar, eżami, manutenzjoni, jew kull servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' għarfien imħaddem jew kompetenzi jew servizzi ta' konsulenza. Assistenza teknika tinkludi forom verbali ta' assistenza.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom minnufih javżaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bil-miżuri li ttieħdu taħt din il-Pożizzjoni Komuni u għandhom jipprovdu lil xulxin b'kull informazzjoni rilevanti għad-dispożizzjoni tagħhom dwar din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 5

Sabiex tilħaq il-massimu ta' l-impatt tal-miżuri ta' hawn fuq, l-Unjoni Ewropea għandha tinkoraġġixxi pajjiżi mhux membri li jadottaw miżuri simili għal dawk li jinsabu f'din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 6

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun riveduta 12-il xahar wara l-adozzjoni tagħha u kull 12-il xahar wara. Għandha titħassar jekk il-Kunsill iqis li l-għanijiet tagħha twettqu.

Artikolu 7

Id-Deċiżjoni 94/165/CFSP hi hawnhekk imħassra.

Artikolu 8

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 9

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussel, fid-9 ta' Jannar 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. COWEN